Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-6 ta' Novembru 2023**

**Kump. Nru. 296/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Versus**

**Leonard Farrugia**
**(623781M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Leonard Farrugia**, detentur tal-karta tal-identita' numru 623781M.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Gunju, 2020 ghall-habta ta' 17:30hrs u/jew fil-granet ta' qabel, gewwa Blk 11, Bieb 12, Fl 4, Triq il-Gardenja, Santa Lucija u/jew f'dawn il-gzejjer :

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lis-siehba tieghu Jasmine Urry biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lis-siehba tieghu biza';

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lis-siehba tieghu Jasmine Urry jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Jasmine Urry billi jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Leonard Farrugia, biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet WPC 315 Lysette Agius, fejn qalet illi fit-30 ta' Gunju 2020 f'xi 6.00pm Jasmine Urry kienet irrapportat li kelha kwistjoni mal-partner taghha Leonard Farrugia u kien heddidha. Hi kienet hadet ir-rapport *a fol.* 5 sa 8 li jinkludi xi updates tal-iSpettur Sarah Kathleen Zerafa . Kienu ghamlu kuntatt ma' l-Appogg li kienu marru u ghamlu risk assessment. Huma marru fir-residenza fejn kienu jghixu l-koppja u ma sabux lil-imputat hemm izda wara li ghamlu kuntatt mieghu mar l-ghassa.

Illi l-iSpettur Sarah Kathleen Zerafa xehdet illi matul il-lejl tat-30 ta' Gunju 2022 l-Pulizija ta' Hal-Luqa kienu infurmawha li kien hemm rapport ta' vjolenza domestika minn Jasmine Urry. Il-partner taghha Leonard Farrugia kien heddidha wara diversi granet ta' argumenti bejniethom. L-Appogg kienu ghamlu risk assessment li kellu score ta' 15, li kien meqjus gholi. Hi kienet ordnat li Leonard Farrugia jigi arrestat, izda meta marru fir-residenza tal-koppja ma kienx hemm. Il-pulizija ghamlu kuntatt mieghu u l-imputat mar l-ghassa fejn inzamm arrestat. L-ghada fil-ghodu x-xhud kellmet lil Jasmine Urry li gharfet fl-awla, li qaltilha li kienet qieghda tibza' minnu, peress illi kien qalilha li ha jhanxrilha rasha u fl-istess waqt hareg il-kxaxen ta' frieket u skieken u hi semghet ir-recording tal-incident. Ix-xhud hadet l-istqarrija ta' Leonard Farrugia, li gharfet fl-awla bhala l-imputat, li tinsab *a fol.* 9 u 10, izda hu cahad, u resqitu l-Qorti bl-arrest. Ikkonfermat ukoll l-update fir-rapport *a fol.* 7, fejn zdiedet li r-risk assessment kien gie gholi. Ipprezentat Dok AMG1 li huwa rapport li kienet ghamlet Jassmine Urry datat 17 ta' Mejju 2020.

Illi Francesca Cassar li tahdem mal-Agenzija Appogg. xehdet illi hi flimkien mal-kollega taghha kienu ghamlu risk assessment ta' Jasmine Urry fis-7.30pm tat-30 ta' Gunju 2020, li kien rrizulta gholi fl-ammont ta' 15 u kkonfermat illi jinsab minn *fol.* 11 sa 18. Jamine kienet qaltilhom li Leonard Farrugia, li kien l-partner taghha, kien heddidha li ser joqtolha. Dak iz-zmien kienet qieghda tghix m'ommha biex tevita l-argumenti ghax kien hemm incidenti qabel dakinhar. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat illi dak li hemm miktub huwa bbazat fuq x'qaltilha Jasmine Urry u huma m'ghamlu ebda verifika wara. Mistoqsija dwar jekk kinitx taf ghalfejn is-Sinjura Urry kienet marret id-dar tal-partijiet dakinhar tal-incident, ladarba kienet qieghda tghix m'ommha, hi ma tiftakarx x'kitbet fir-rapport izda jekk hemm xi raguni ser jkun mnizzel fir-rapport.

Illi Tracey Baldacchino xehdet illi kienet ghamlet risk assessment l-ghassa ta' Hal-Luqa fuq Jasmine Urry li gharfet fl-awla. Ir-risk assessment jinsab *a fol.* 11 sa 18, li kien gie gholi fl-ammont ta' 15. Jasmine kienet qaltilhom li dakinhar kien inqala' argument fuq separazzjoni u manteniment tat-tfal, fejn Leonard Farrugia kien heddidha li jhanxrilha rasha u semmatilhom recordings fuq il-mobile. Qaltilhom ukoll li f'Mejju, l-imputat kellu xi jghid mat-tifla, u x'hin hi dahlet bejniethom, kien taha daqqa fuq widnejha u kienet ghamlitlu rapport. Hi kienet qaltlu biex johrog mid-dar izda hu baqa' hemm. Dakinhar tar-rapport kien heddidha b'sikkina izda hi kienet gja telqet mid-dar u marret ghand ommha ghax bezghat. Fil-kontro ezami x-xhud qalet illi m'ghamlet ebda investigazzjoni min-naha taghha, ghax hi tikteb il-verzjoni tas-sinjura fir-rapport. B'referenza ghal allegazzjoni dwar abbuz fuqha kif ukoll biza' fil-konfront tat-tifla taghhom u l-genituri tal-*parte civile,* huma kitbu dak li qaltilhom il-vittma imma ma nvestigaw xejn min-naha taghhom ghax ma jkellmux lit-tfal u lanqas ma jiehdu l-verzjoni tal-imputat. Il-konkluzjoni taghhom hija bbazata fuq dak li tghidilhom is-sinjura.

Illi xehdet Jasmine Urry fejn qalet illi fit-30 ta' Gunju 2020, kienet qieghda tonxor il-hwejjeg id-dar f'Santa Lucija u kien wasal il-partner taghha Leonard. X'hin dahhlet fil-kamra tas-sodda biex iddahhal il-hwejjeg, Leonard li gharfet fl-awla bhala l-imputat, kien fuq is-sodda. Saqsietu jekk kienx ser jaghtiha l-manteniment u hu beda jkellimha hazin. Mar hdejha u beda jghajjarha u jkellimha hazin u jghajjat f'wiccha u jkellimha b' subghajh ma' wiccha. Hi marret u gabet il-mowbajl u ghamlitu record ghax hu dejjem jinnega wara. Beda jghidilha 'inzabbab' u li mhux ser

jaghtiha flus u jghajjarha zibel. Qalilha 'itlaq il-barra ghax ha nhanxarlek rasek' u mar fil-kcina, ghazel sikkina u tefa' l-kexxun tal-frieket u skieken ma' l-art u mar ghaliha bis-sikkina. Hi fethet il-bieb u harget tigri minghajr karkur, u baghtet ir-recording lill-Avukat, li qalilha biex tmur l-ghassa tirrapporta. Hi kienet tmur id-dar matul il-gurnata u x'hin jasal Leonard terga' titlaq u tmur torqod ghand ommha bit-tfal biex ma joqghodx jargumenta quddiemhom. Hi kienet qieghda torqod ghand ommha ghax kien hemm incidenti ohra qabel. Fis-17 ta' Mejju kienet ghamlet rapport ghax kien imbotta lit-tifla ta' 16 il-sena fil-kamra tal-banju ghax x'hin gie, ried jidhol hu. Hi kienet marret u ghamlitlu subghajha ma' wiccu u qaltlu biex ikellem lit-tifla sew u hu kien taha daqqa ta' ponn f'widnejha. Hi marret taghmel rapport u marret il-polyclinic. Dak in-nhar kienu ser jaghmlulha risk assessment tal-Appogg izda ma setghetx tibqa' tistenna minhabba t-tifel iz-zghir taghha. Ix-xhud ipprezentat USB tal-incident tat-30 ta' Gunju 2023 li gie immarkat JU1 u l-Qorti hatret lil Dr. Lennox Vella sabiex jaghmel traskrizzjoni tal-kontenut tal-USB. Fil-kontro ezami ikkonfermat li hi u Leonard ma kienux mizzewgin izda kellhom zewgt itfal. Fic-certifikat tat-twelid tat-tifla hemm imnizzel missier mhux maghruf, izda fic-certifikat tat-twelid tat-tifel Leonard kien imnizzel bhala l-missier. Ma kien hemm ebda digriet jew kuntratt dwar manteniment meta inqala' l-argument fuq il-manteniment. Id-dar li kienu jghixu fiha flimkien f'Santa Lucija hija dar mikrija mill-gvern ghal xi erba' snin, fuq isimha. Leonard ma kienx ikun dejjem id-dar ghax gieli ma marx ghal gurnata jew jumejn u gieli izjed. Leonard jahdem bhala tow truck driver u kien jahdem bis-shift, imma ma tafx jekk meta ma marx id-dar kien ghax kien xoghol ghax gieli cemplitlu u ma rrispondiex. Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat kellu l-affarijiet personali d-dar u meta kien jmur kien jinhasel ukoll id-dar.

Illi fil-5 ta' Mejju 2022 xehed Dr Lennox Vella li pprezenta t-traskrizzjoni li giet mmarkata bhala Dok LV1.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Il-partijiet kienu ghaddejjin f'perjodu ta' diffikulta fir-relazzjoni taghhom u kien qed jkun hemm diversi argumenti bejniethom. Il-*parte civile* kienet telqet mid-dar u marret tghix m'ommha izda kienet xi kultant tmur fid-dar fejn kienu jghixu l-partijiet flimkien. Fil-gurnata tal-incident inqala' argument dwar il-manteniment, fejn il-p*arte civile* hadet recording fejn tinstema' tghajjat ma' l-imputat ghax ma riedx ihallas manteniment,

ghalkemm f'dak iz-zmien ma kienx hemm digriet tal-Qorti. Fir-recording l-imputat jinstema' jhedded lill-*parte civile* bil-kliem *'ghax inhanxarlek rasek........ejja ha nghidlek kemm ha nhanxarlek rasek jien.'*

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 8, 31, 202(h)(v)(vi), 222(1)(a), 251B, 251H(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal perjodu ta' **sena (1) prigunerija**, li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Leonard Farrugia b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Jasmine Urry**. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Jasmine Urry ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Leonard Farrugia** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **Jasmine Urry.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**